# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 08 ta' Mejju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**vs**
**Nicolai Gauci**

**Kumpilazzjoni Nru: 132/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nicolai Gauci detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 564689(M).

Billi huwa personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' ufficcjal principali jew ta' rapprezentant ta' NVC Bros & Sons Co Ltd akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn il-perjodu ta' Settembru 2013 u Frar 2015, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma li tammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Jean-Karl Farrugia minn Naxxar, liema somma giet fdata

lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Jean-Karl Farrugia minn Naxxar;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Jean-Karl Farrugia minn Naxxar.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ammetta din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li waqt l-istess udjenza l-ufficjal prosekutur ddikjarat li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dwar truffa u frodi ingibu bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar appropjazzjoni indebita.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ingibu bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali kwazi netta ta'l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni ta'l-imputat li huwa lest jirrifondi l-ammont misappropjat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u taghha tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lil-parte civile Jean Karl Farrugia s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iheor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**